# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 492**

**Il-Ħamis 26 t'April, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**492.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

492.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**492.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

492.2.1 Il-minuti tal-491 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella.

**492.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

492.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-*Measure 4.3 – Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry* sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied, kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €133,00.60 (90% tal-valur kollu stmat tax-xogħol) għal dan il-proġett. Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied mistenni jibda matul ix-xahar ta' Ġunju 2018.

492.3.2 Is-Sindku qal ukoll illi fix-xhur li ġejjin kien ser jinbeda xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali fi Trejqet San Franġisk, Triq San Leonardu, Triq San Ġużepp u Trejqet Wied ta' Mazza taħt l-iskema għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020.

492.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bix-xogħlijiet li saru mill-Kunsill fosthom xogħol ta' bankina ġdida fi Triq ix-Xgħajra u xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini fi Triq Agostino Said, Triq Lia, Triq Santa Duminka u Triq Castaldi.

492.3.4 Is-Sindku qal illi kienet saret *central strip* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' *Lantas Pet shop*. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kien irċieva diversi lmenti mir-residenti wara li saret din is-*central strip.* Is-Sindku żied jgħid li s-*central strip* saret bl-approvazzjoni ta' Transport Malta wara li sar studju minn Transport Malta stess.

492.3.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi min jipparkja ħdejn *Lantas Pet shop* irid joħroġ bir-*reverse* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi kien ser jitnaqqas il-parkeġġ sabiex jiġi evitat li l-karozzi jreġġgħu l-karozza b'lura għal Triq ix-Xgħajra.

492.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret talba lil Transport Malta sabiex issir *traffic island* fil-viċinazi tas-*substation* tad-dawl li hemm fi Triq ix-Xgħajra.

492.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġiet sottomessa applikazzjoni ġdida taħt il-Miżura 4.4 - Appoġġ għall-investimenti mhux produttivi marbuta mal-kisba ta' 'objettivi agro-ambjentali-klimatiċi ffinanzjata minn fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta, sabiex isir restawr fil-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Santa Marija, Triq il-Qaqoċċ, Triq San Ġużepp u Triq in-Nissieġ. Is-Sindku qal illi l-ispiża totali għal dan il-proġett kienet tiswa madwar €34,000.

492.3.8 Fis-6.00 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri daħal għal-laqgħa.

492.3.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata fis-6.00 ta' filgħaxija.

492.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-pjan tax-xogħlijiet li ser isiru matul din is-sena. Is-Sindku qal illi l-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola kien ser jiswa madwar €300,000. Is-Sindku qal illi dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-*Urban Improvement Fund* u li kien qed jitkellem mal-kumpanija *Bilom Group* sabiex jiffinanzjaw parti minn dan il-proġett. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Awtorità tal-Artijiet kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill u tat in-'*No Objection in Principle*' sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola.

492.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret l-applikazzjoni mal-*Planning Authority* sabiex jinbeda l-proġett ta' *dog park* maġenb il-Masġar taż-Żebbuġ.

492.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol sabiex jiġi spustjat il-*bus stop* fi Triq is-Santwarju u jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini fi Triq il-Qaqoċċ, Triq il-Kbira u Triq Wied il-Għajn.

492.3.13 Is-Sindku ppropona li jsir filmat dwar il-kultura ta' Ħaż-Żabbar f'forma ta' *3D Mapping* u l-*launching* tiegħu jsir matul l-attività tad-9 ta' Ġunju. Is-Sindku żied jgħid li dan il-filmat jista' jintuża ukoll f'attivitajiet oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-filmat f'forma ta' *3D Mapping*.

492.3.14 Is-Sindku tkellem dwar l-attività li ser issir fid-9 ta' Ġunju u qal illi kienu ser isiru tlett attivitajiet f'serata waħda. Is-Sindku qal illi matul is-serata kien hemm il-ħsieb li fil-venda l-antika ikun hemm *food court*, Triq il-Kbira tkun armata kollha umbrelel, isir *projection* bid-dawl fuq il-knisja u jiġu armati żewġ *stages;* wieħed fi Triq is-Santwarju u l-ieħor f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal ukoll illi l-kantanta Ira Losco, Versatille Band u l-kantanta Corazon kienu ser jagħtu *performance* matul l-attività. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Valletta 18 u ma' *Malta Tourism Authority* sabiex jinġiebu l-fondi biex titnaqqas l-ispiża għall-Kunsill.

492.3.15 Fis-6.10 ta' filgħaxija l-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa.

492.3.16 Is-Sindku qal illi l-ispiża tal-*perfomance* tal-kantanta Ira Losco flimkien mal-*istage* li minn fuqu ser tagħti l-*performance* tagħha ser jiswa madwar €50,000 u li

l-ispejjeż relatati mal-logħob tan-nar mill-art, il-*performances* tal-kantanta Corazon u ta' Versatile Band kienu ser jiswew madwar €26,000, filwaqt li l-ispejjeż ġenerali kienu ser ilaħħqu s-somma ta' madwar €20,000. Is-Sindku żied jgħid li l-iżpiża għal-kiri ta' makkinarju sabiex isir il-*launching* tal filmat dwar il-kultura f'Ħaż-Żabbar f'forma ta' *3D Mapping* kienet ser tkun ta' madwar €20,000. Is-Sur Julian Paul Scicluna ssekonda n-nefqa proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

492.3.17 Is-Sindku qal illi s-sejħa għall-offerti għall-provvista ta' *projectors* għall-*projection mapping* (ZLC 3/2018) kienet ser toħroġ fil-ġranet li ġejjin.

492.3.18 Is-Sur Roderick Vella semma l-ħtieġa li din is-serata tiġi organizzata fit-tlett pjazez ta' Ħaż-Żabbar peress illi ilha ma tiġi organizzata serata ta' dan it-tip f'Ħaż-Żabbar.

492.3.19 Is-Sur John J Pace talab sabiex l-attività tingħata ħafna pubbliċità. Is-Sindku qal illi kienu għaddejjin diversi diskussjonijiet sabiex ir-reklamar tal-attività isir flimkien mal-Valletta 18. Is-Sindku qal ukoll illi kien hemm il-ħsieb li jitqassam *flyer* f'kull dar f'Ħaż-Żabbar.

492.3.20 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza tlett attivitajiet f'serata waħda fid-9 ta' Ġunju, 2018.

**492.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

492.4.1 Is-Sur Joseph Agius reġa' talab li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jitwaħħal *Digital Board bil-GPS* fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar.

492.4.2 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Villabate. Is-Sindku qal illi Transport Malta ma kinitx qed toħroġ permessi ġodda peress illi kienet ser tinħareġ *policy* ġdida relatata mar-*road humps*.

492.4.3 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali relatata mall-proġett MOBILITAS sabiex tiġi ndirizzata l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku u talab sabiex jattendi għall-*workshop* li ser isir nhar il-Gimgħa 4 ta' Mejju.

492.4.4 Is-Sur Brian Spiteri staqsa meta kien ser jitlesta x-xogħol ta' restawr fil-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Spiteri qal ukoll illi fil-parti tan-naħa ta' fuq tal-mina kien hemm diżlivell. Is-Sindku qal illi l-proġett ta' restawr tal-Mina ta' Hompesch għandu jitlesta fil-ġranet li ġejjin.

492.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-Sotto Kumitat tal-Anzjani kien innomina lis-Sinjura Maria Borg u lis-Sinjura Carmen Hili għal Premju Nazzareno Vassallo u

ġew mogħtija ċertifikat ta' parteċipazzjoni mill-Eċċelenza tagħha Maria Louise Coleiro Preca.

492.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur ~~Joseph~~ Reuben Vassallo ġiet diskussa l-possibiltà li tinfetaħ dar għall-anzjani f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg qal illi s-Sur Vassallo kien lest li jiftaħ dar għall-anzjani jekk il-Kunsill jindika sit. Emendati

492.4.7 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq il-Bidni minn naħa ta' Triq Villabate għax fiha ħafna ħofor kbar.

492.4.8 Is-Sur Joseph Buttigieg talab biex il-Kunsill jagħmel pressjoni lill-Gvern Ċentrali sabiex Triq ix-Xgħajra tiġi asfaltata.

492.4.9 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fl-24 ta' Mejju kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

492.4.10 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f'Ġunju grupp t'anzjani Għawdxin mill-Kunsill ta' Għajnsielem kienu ser ikunu qed iżuru Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jieħu lill-anzjani Għawdxin iżuru l-Mużew tas-Santwarju. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-entratura tal-Mużew tas-Santwarju.

492.4.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li fid-19 ta' Mejju, 2018 jiġi organizzat kunċert mużikali flimkien mas-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fl-okkażżjoni tal-135 anniversarju.

492.4.12 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel reklam fil-*Musical* 'Omm tal-Grazzja' mtella' mil-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel.

492.4.13 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li fil-11 ta' Mejju, 2018 jinxtegħlu bozoz vjola u blu mal-bini tal-Kunsill u f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi sabiex jingħata appoġġ lil min ibgħati minn *ME CFS Fibromyalgia*.

492.4.14 Inqrat ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Carlston Aquilina dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Bormla, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €110.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

492.4.15 Is-Sur Julian P Scicluna staqsa meta kien ser jinqata' il-verdett tal-proġett propost tal-*Mc Donalds* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda notifika mill-*Planning Authority* f'dan ir-rigward.

492.4.16 Is-Sur Joseph Vella talab li jsiru *parking bays* kif ukoll *planters* bil-fjuri fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi l-*parking bays* fil-venda l-antika kienu ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

**492.5 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2017 Emendati**

492.5.1 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-Istqarrijiet Finanjarji 2017 kif emendati.

**492.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

492.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu mit-27 ta' Marzu 2018 sas-26 t'April 2018 li kien jammonta għal €54,892.40.

492.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2018 li kien jammonta għal €53.97.

**492.7 Mozzjonijiet; u**

492.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**492.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

492.8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-495 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku